**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**
**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 177/2020 RM**

**William Beck**

**-Vs-**

**Glorianne Pace**

**Illum, 7 ta' Lulju 2022**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn William Beck fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-18 ta' Settembru 2020 fejn talab illi-

1. previa dikjarazzjoni minn din il-Qorti illi l-pubblikazzjoni mill-intimata ta' kummenti diffamatorji magħmula bil-miktub :

    i. Permezz ta' email konsistenti fi stqarrija ffirmata mill-intimata Glorianne Pace, li giet mibgħuta mill-istess intimata Glorianne

Pace lill-Uffiċċju tal-Presidenti tal-Maltese Olympic Committee fit-3 ta' Gunju 2020 (annessa u mmarkata Dok. "GP1"), kif ukoll

ii. Permezz ta' email (annessa u mmarkat bħala Dok "GP2") mibgħuta mill-intimata Glorianne Pace nhar is-7 ta' Awissu 2020, liema kitba hija diffamatorja u malafamanti fil-konfront tar-rikorrent William Beck u għandha bħala skop li ttellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni tar-rikorrent, itellfu gieħhu,u/jew li tesponih għar-redikolu u għad-disprezz tal-pubbliku, u l-għan ta' tali kumment diffamatorji ntlaħaq illi jigu kkawżati lir-rikorrent ħsara u ingurja gravi.

2. Illi l-kummenti u dikjarazzjonijiet imxandra b'dan il-mod mill-intimata jikkontjenu allegazzjonijiet foloz u ingurjużi dwar r-rikorrent u dwar kif huwa qed iwettaq il-funzjonijiet u d-dmirijiet tiegħu fil-karigi hawn fuq imsemmija u li huwa qed jesponi lill-organiżżazzjoni għal korruzzjoni u jiddefendi lil ċerta Anna Vassallo;

3. Illi l-attegjament tal-intimata huwa wieħed ripetut, tant illi wara l-email tat-3 ta' Gunju 2020 l-intimata giet imwissija permezz ta' ittra legali datata 15 ta' Gunju 2020 sabiex tiddeżisti milli tkompli bl-agir illegali u abbużiv tagħha, l-intimata Glorianne Pace xorta waħda kompliet bil-kitba tagħha Dok "GP2";

4. Illi l-intimata rrendiet ruħha passibbli ta' azzjoni kriminali;

Għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti hija mitluba sabiex tikkundanna lill-intimata tħallas lir-rikorrent dik is-somma li tistabbilixxi din il-Qorti bħala danni morali.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata li minn issa qiegħda tigi ngunta għas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta tal-konvenuta Glorianne Pace ippreżentata fis-16 ta’ Ottubru 2020 fejn ġie eċċepit:-

**1.** Illi fil-mertu l-esponenti tirrileva illi t-talbiet hekk kif dedotti mir-rikorrenti fil-konfront tagħha huma infondanti fil-fatt u fid-dritt u għandhom jigu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu u dan peress illi mhuwiex minnu illi l-email konsistenti fi stqarrija ffirmata mill-esponenti mibgħuta lill-Uffiċju tal-Presidenti tal-Maltese Olympic Committee fit-tlieta (3) ta' Gunju tas-sena elfejn u għorin (2020) u l-email l-oħra mibgħuta mill-istesss intimata nhar is-sebgħa (7) ta' Awwissu tas-sena elfejn u għoxrin (2020) kienet tikkontjeni allegazzjonijiet foloz u malafamanti fil-konfront ta' William Beck u għaldaqstant ma kellhom l-ebda skop illi jtellfu u/jew inaqqsu r-reputazzjoni tiegħu.

**2.** Illi jigi rilevat illi l-attur ma soffra l-ebda danni morali u żgur li ma soffriex danni morali kkagunati mill-allegat agir abużiv u rregolari tal-konvenuta;

**3.** Illi mhuwiex minnu illi l-intimata kkagunat danni billi għamlet stqarrijiet illi huma libellużi u li jikkontjenu allegazzjonijiet foloz u malafamanti fil-konfront ta' William Beck u ma kellha l-ebda skop illi ttellef u/jew tnaqqas r-reputazzjoni tiegħu anzi tali stqarrijiet u kontenut huma veritiera u jirriflettu l-verita'.

**4.** Illi anzi kien William Beck illi b'diversi kummenti u tentattivi kemm bil-fomm u kemm bil-miktub għamel dikjarazzjonijiet u allegazzjonijiet illi huma totalment infondati u inveritieri li jikkostitwixxu u jikkontjenu allegazzjonijiet foloz u malafamanti fil-konfront tal-esponenti;

**5.** Illi għalhekk l-ebda ammont ma huwa dovut lir-rikorrenti in linea ta' danni mill-esponenti;

**6.** Illi apparti minn hekk l-allegati danni hekk kif mitluba mir-rikorrent jridu jigu
ppruvati minnu sal-grad rikjest tal-ligi u jrid ikun hemm ukoll il-prova tan-ness
bejn l-allegati danni u l-esponenti;

Salv eċċezzjonijiet ultejuri;

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi kollha u d-dokumenti kollha esebiti;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-avukati tal-partijiet fl-udjenza tal-25 ta' Mejju 2022;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Din hija azzjoni għal malafama taħt l-Artikolu 3 tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kapitolu 579).

Mill-fatti li joħorġu mill-atti u mill-provi jirriżulta li fir-retroxxena ta' dan il-libell jinsab rapport b'allegazzjonijiet li saru mill-konvenuta lill-Malta Olympic Committee (MOC) dwar l-użu ħażin mill-fondi pubbliċi allokati lill-Malta Taekwondo Federation (imsejħa "MTF"). Il-konvenuta allegat li ċertu Anna Vassallo u ċertu Mario Govus li kienu jokkupaw fiż-żmien li għalih jirreferu dawn l-allegazzjonijiet, il-karigi ta' President tal-MTF u Teżorier tal-MTF rispettivament, kienu użaw dawn il-fondi għal skopijiet personali tagħhom u għal skopijiet oħra mhux leġittimi. F'dak l-istess żmien, il-konvenuta kienet tokkupa l-pożizzjoni ta' Segretarja tal-MTF. L-attur jokkupa l-kariga ta' Deputat President tal-MOC.

Huwa evidenti li kien hemm diżgwid serju u nuqqas serju ta' armonija bejn il-membri tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Malta Taekwondo Federation (MTF) kif ukoll nuqqas ta' fiduċja minn uħud mill-membri ta' dan il-Kumitat, fil-President tal-istess MTF, Anna Vassallo. Dan l-istat ta' fatt wassal biex il-Kumitat Eżekuttiv tal-MTF ma setax jiffunzjona kif jixraq u eventwalment ma baqgħux jissejħu laqgħat.

Il-Qorti wara li semgħet lill-konvenuta tixhed u anke mit-ton tal-*email*s li jifformaw il-bażi tal-allegat malafama, fehmet li kien hemm ċertu qies ta' animosita' da parti tal-konvenuta fil-konfront tal-istess President tal-MTF, Anna Vassallo: il-konvenuta ħasset li kienet qed tiġi mwarrba fir-rwol tagħha ta' Segretarja tal-MTF billi ma kienetx qed tiġi infurmata dwar l-affarijiet li kienu qed jiġru fi ħdan il-Federazzjoni u nibtulha suspetti li l-fondi pubbliċi li kienu jiġu allokati lill-MTF ma kienux qed jintużaw b'mod trasparenti u fl-interess tal-membri. L-użu ħażin tal-fondi kien jikkonsisti, skont il-konvenuta, f'dikjarazzjonijiet foloz dwar in-numru ta' tfal li kienu ser isiefru fuq *training camp* il-Greċja sabiex issiefer minflok a spejjeż tal-

Federazzjoni, ħabiba tal-President; tbagħbis fil-prezzijiet tal-biljetti ta' safra oħra lejn l-Albanija – kollox, allegatament, ad insaputa tar-registratur u l-membri l-oħra tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Federazzjoni.

Mill-provi jirriżulta li l-President, Anna Vassallo, kienet irrapportat dawn il-problemi ta' governanza fi ħdan il-Kumitat Eżekuttiv tal-Federazzjoni lill-MOC u għadditilhom il-kontijiet finanzjarji tas-sena 2019. Imbagħad, fil-5 ta' Novembru 2019 issejħet laqgħa mill-istess MOC mal-Kumitat Eżekuttiv tal-MTF biex jiġi diskuss dan l-impasse. Din il-laqgħa kienet imsejħa biex issir biss jumejn wara, fis-7 ta' Novembru 2019 u min-naħa tal-MTF kienu preżenti biss Anna Vassallo il-President, il-konvenuta u t-Teżorier Mario Govus.

Jirriżulta li waqt din il-laqgħa mal-MOC, il-konvenuta stqarret li hija kellha fil-pussess tagħha kompendju ta' evidenza konsistenti f'diversi dokumenti inkluż korrispondenza li kienu juru, allegatament, li l-President u t-Teżorier tal-MTF kienu għamlu dikjarazzjonijiet foloz kif ukoll użaw ħażin il-fondi allokati lill-Federazzjoni *inter alia* mill-MOC innifsu. Il-konvenuta xehdet ukoll li l-Kumitat Eżekuttiv qatt ma ngħata rendikont finanzjarju dwar x'sar minn dawn il-fondi pubbliċi u minkejja li hija kienet talbet kopja tal-kontijiet finanzjarji tal-Federazzjoni għas-sena 2019 mingħand Anna Vassallo u Mario Govus, dawn il-kontijiet ġew mgħoddija biss lill-MOC u mhux ukoll lilha jew lill-membri tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Federazzjoni.

Il-verżjoni tal-konvenuta hi matul din il-laqgħa, waqt li kienet qed tindirizza lill-MOC b'rabta ma' dawn l-allegazzjonijiet, ġiet interrotta mill-attur, id-Deputat President tal-MOC, li ssuġġerixxa li dawn id-dokumenti u evidenza, jitħassru. Hi xehdet ukoll li waqt dik l-istess laqgħa, l-attur u Joseph Cassar, uffiċjal ieħor tal-MOC, bdew ifaħħru lil Anna Vassallo tax-xogħol kollu li għamlet fil-MTF meta skont il-konvenuta, il-President ma kienet għamlet proprju xejn u kienet hi li kienet tagħmel xogħolha. Iżda minkejja dan l-attur beda jaqbeż għal Anna Vassallo u qal ukoll li huwa mħasseb dwar id-dokumenti li kellha l-konvenuta. Dawn id-dokumenti, skont il-konvenuta, kienu jinkludu: "*... emails, chats, secret meetings, secret dealings with an entity which is*

*foreign to Malta who is going to overtake the Malta Taekwondo Federation .. it was very worrying*".[1]

Il-konvenuta emfasizzat illi waqt l-istess laqgħa tas-7 ta' Novembru 2019, l-attur riedha tneħħi din l-evidenza[2] u ma riedx jaċċetta l-provi li kellha kontra Anna Vassallo jew it-tifel tagħha. Sosniet li ħassitha aggravata sija bil-fatt li l-attur kien qed jaqbeż għall-persuna li hija stess talbet li tiġi investigata u sija wkoll għaliex l-uffiċjali tal-MOC ma riedux jgħaddulha kopja tad-dokumenti li Anna Vassallo kienet għaddiet lilhom u mhux lill-Kumitat tal-MTF. Ħasset li dan kollu kien attakk fuqha għaliex l-attur minflok investiga lil Anna Vassallo, qabeż għaliha u lill-konvenuta qalilha biex tirrispetta lill-President tal-MTF[3]:-

"*... dak li ġara dakinhar għax ħassejtu qisu attakk fuqi ... għax dawn qed jgħiduli biex nirrispetta persuna li għamlet ċerti affarijiet, provat anke tiffalsifika minuti fl-arbitraġġ ... għandi chats ...*"[4]

Din il-verżjoni hi miċħuda kategorikament mill-attur li fix-xhieda tiegħu sostna illi huwa qatt ma ssuġġerixxa li titħassar xi evidenza iżda waqt il-laqgħa tas-7 ta' Novembru 2019 kien ta parir li l-membri tal-Kumitat Eżekuttiv tal-MTF jaħdmu flimkien u jirrispettaw lill-President tagħhom biex jiġu evitati konsegwenzi drastiċi min-naħa tal-entita' governattiva tal-Federazzjoni.

Mill-provi jirriżulta li in segwitu għal din il-laqgħa, f'*email* mibgħuta fit-3 ta' Ġunju 2020 (Dok. GP1) lill-President tal-MOC Julian Pace Bonello, uħud mill-membri tal-Kumitat Eżekuttiv tal-MTF (fosthom il-konvenuta) talbu kopja vera tad-dokumenti kollha li ġew sottomessi lill-MOC minn Anna Vassallo u Mario Govus għan-nom tal-MTF. Flimkien riaffermaw ukoll l-allegazzjoni li kienet għamlet il-konvenuta waqt il-laqgħa tas-7 ta' Novembru 2019, ċioe' li l-fondi allokati lill-MTF mill-MOC u

[1] Xhieda tal-konvenuta, fol 56.
[2] "*... il-kompendjum riedni nneħħih, riedni nneħħiha dik l-informazzjoni*" xhieda tal-konvenuta, fol. 56.
[3] Jirriżulta wkoll li l-konvenuta eventwalment irrapportat dawn l-allegazzjonijiet lill-Pulizija.
[4] Xhieda tal-konvenuta, fol. 58. Il-provi għaddiethom lill-Pulizija sussegwentement fl-10 ta' Settembru 2020.

entitajiet oħrajn, intużaw mill-President u t-Teżorier tal-MTF għal skopijiet personali tagħhom għad-detriment tal-Federazzjoni. Ġie allegat ukoll fl-istess *email* li l-attur, Deputat President tal-MOC, waqt l-imsemmija laqgħa kien wera l-appoġġ evidenti tiegħu għal Anna Vassallo meta rrakkomanda lill-konvenuta tħassar l-evidenza li kellha f'idejha dwar l-użu ħażin tal-fondi tal-MTF.

Wara li fliet l-atti u x-xhieda, il-Qorti fehmet ukoll li l-konvenuta kienet imħassba mhux ftit bil-parir li taha l-attur kien li teħles minn dan il-kompendju u kwindi mill-evidenza li kellha kontra l-Presisent, kif ukoll bil-perċezzjoni li kien hemm komplott favur Anna Vassallo. Tant hu hekk illi flimkien mal-membri l-oħra tal-Kumitat Eżekuttiv tal-MTF, il-konvenuta kienet kitbet lill-President tal-MOC biex jitolbu kopja tad-dokumenti finanzjarji tal-Federazzjoni li ġew sottomessi lill-istess MOC iżda mhux lilhom, biex jesprimu t-tħassib tagħhom li kien hemm preġudizzju favur Anna Vassallo f'din il-materja u biex jitolbu li l-attur jiġi eskluż mill-korrispondenza skambjata bejnhom u l-MOC fir-rigward.

Sussegwentement, l-attur, permezz ta' *email* li ntbagħat fis-7 ta' Awwissu 2020 lill-istess membri tal-Kumitat Eżekuttiv tal-MTF[5], fosthom il-konvenuta, talab li l-evidenza u dokumentazzjoni li setgħu kellhom in sostenn tal-allegazzjonijiet li kienu għamlu b'rabta mal-użu ħażin tal-fondi tal-MTF, jiġu sottomessi direttament lill-awdituri tal-MOC li kienu ġew inkarigati biex janalizzaw il-kotba tal-MTF għas-sena finanzjarja 2019. Għal din it-talba, il-konvenuta f'*email* indirizzata lill-istess attur u kkuppjata lill-membri l-oħra tal-kumitat eżekuttiv tal-MTF kif ukoll persuni oħrajn, wieġbet hekk b'referenza għall-istess attur:-

"*Your colleagues, copied, will remember how that day Mr Beck, you voiced your concerns on my being in possession of said compendium and you also suggested that I delete them.*"

[5] Dan l-*email* ġie mibgħut ukoll lil ċertu Mr. Faraoun, tramite l-avukat Dr. Bartolo.

Ġie allegat ukoll fl-istess *email* li l-attur kien qed jipprova jiddefendi lil Anna Vassallo li skont il-konvenuta, bl-aġir irregolari tagħha u tal-kollaboraturi tagħha, kienet oskurat ir-reputazzjoni ta-MTF.

Il-konvenuta kitbet ukoll hekk b'referenza għall-attur:-

"*Believing that you felt the need to interrupt your colleague, out of some chivalrous attempt to protect Anna Vassallo, she being the most senior of us and perhaps perceived as the most fragile I quote you "I'm sorry but I'm concerned about the, the (here I prompted 'compendium')*" (Dok. GP2)

Fix-xhieda tiegħu l-attur identifika dawn iż-żewġ brani bħala malafamanti fil-konfront tiegħu u sostna li dawn iż-żewġ "*frażijiet*" huma "*inkorretti*". In sostenn tal-verżjoni tiegħu, huwa ressaq biex jixhdu lil Anna Vassallo kif ukoll l-uffiċjali kollha tal-MOC li kienu preżenti waqt il-laqgħa tas-7 ta' Novembru 2019, liema xiehda lkoll innegaw li l-attur kien issuġġerixxa li jitħassru jew jintremew xi dokumenti jew xi evidenza li l-konvenuta qalet li kellha fil-pussess tagħha.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti m'hijiex imsejħa f'din il-kawza biex tiddeċiedi jekk dak li ġie allegat mill-konvenuta fil-konfront ta' Anna Vassallo huwiex minnu jew biex tiddeċiedi min għandu raġun: jew il-konvenuta li ħasset li ġiet imminata waqt il-laqgħa tas-7 ta' Novembru 2019 jew l-attur li ma kienx ipprova jgħatti għal xi aġir mhux leċitu da parti ta' Anna Vassallo. Din hija azzjoni ta' libell u għalhekk il-Qorti trid tiddeċiedi jekk l-istqarrijiet li saru mill-konvenuta fil-konfront tal-attur u li qed jiġu hawnhekk impunjati mill-attur, humiex diffamatorji u fl-affermattiv jekk il-konvenuta setgħetx leġittimament tagħmel dawk l-istqarrijiet taħt xi protezzjoni li tagħti l-liġi tal-malafama.

L-attur ħassu malafamat bl-istqarrijiet li għamlet il-konvenuta f'korrispondenza mibgħuta bil-posta elettronika lil diversi persuni b'risposta għal talba li l-istess attur indirizza lil diversi uffiċjali tal-Kumitat Eżekuttiv tal-MTF biex jissottometti lill-awdituri tal-MOC l-evidenza li kellhom dwar allegat uzu ħazin tal-fondi tal-MTF. Kif rajna, fl-*email* mibgħut fis-7 ta' Awwissu 2020 lil diversi persuni, il-konvenuta wieġbet għat-talba tal-attur billi riaffermat li l-istess attur, waqt il-laqgħa bejn l-MOC u l-Kumitat Eżekuttiv tal-MTF fis-7 ta' Novembru 2019, kien qalilha biex tħassar jew tarmi l-evidenza li kellha fil-pussess tagħha dwar l-allegat użu ħażin minn Anna Vassallo tal-fondi pubbliċi allokati lill-MTF.

Jirriżulta li dan l-*email* intbagħat ukoll lill-uffiċjali tal-MOC li kienu preżenti fil-laqgħa fejn l-attur suppost issuġġerixxa li l-evidenza tiġi distrutta, kif ukoll lill-persuni l-oħra (membri tal-kumitat tal-MTF) li flimkien mal-konvenuta, kienu bagħtu lill-President tal-MOC, Julian Pace Bonello, l-*email* tat-3 ta' Ġunju 2020 fejn kienet saret talba għal kopja tal-kontijiet finanzjarji tal-MTF kif ukoll l-allegazzjoni dwar użu ħażin mill-fondi tal-MTF minn Anna Vassallo u/jew Mario Govus[6].

Il-Qorti tosserva illi huwa minnu li fir-Rikors promotur tal-kawża, l-attur fisser li l-malafama tinsab fi stqarrijiet li saru mill-konvenuta fl-*email* tat-3 ta' Ġunju 2020 (Dok. GP1) kif ukoll fl-*email* tas-7 ta' Awwissu 2020 (Dok. GP2), iżda kif sewwa ġie sottomess mill-abbli avukat tal-konvenuta waqt it-trattazzjoni, l-attur fix-xhieda tiegħu illimita l-aggravji tiegħu speċifikatament għal żewġ stqarrijiet li saru mill-konvenuta fl-*email* tas-7 ta' Awwissu 2020 (Dok. GP2) u eskluda kull referenza għal xi stqarrija li saret fl-*email* tat-3 ta' Ġunju 2020[7]. Għaldaqstant, għall-fini tal-identifikazzjoni tal-istqarrijiet allegatament diffamatorju, il-Qorti sejra tqis abbażi tax-xhieda tal-attur innifsu, biss iż-żewġ stqarrijiet fuq ċitati, formanti parti minn Dok. GP2, ossia l-*email* li ntbagħat mill-konvenuta fis-7 ta' Awwissu 2020.

Ikkunsidrat;

[6] Dok. GP1.
[7] Ara xhieda tal-attur, 3 ta' Marzu 2021, senjatament fol. 33, 34 u 35, kif ukoll xhieda in kontro-eżami, 9 ta' Novembru 2021, fol. 84: "*Fuq dik l-imejl* (7th August 2020) *saret it-taħrika*."

Il-Qorti tibda biex tosserva li ma taqbilx li l-allegazzjoni li għamlet il-konvenuta, ċioe' li l-attur kien qed jappoġġja lil Anna Vassallo – li wara kollox ma jirriżulta li hija xi persuna kriminali u lanqas ma ntwera li nstabet ħata minn xi qorti jew minn xi entita' oħra li effettivament użat ħażin il-fondi tal-MTF – tista' qatt tinftiehem bħala imputazzjoni diffamatorja.

Kif inhu risaput, biex stqarrija titqies li hija diffamatorja skont l-Att dwar il-Midja u l-Malafama, irid jintwera li twassal imputazzjoni li tikkawża ħsara serja jew tista' tikkawża ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna jew persuni speċifiċi li jagħmlu t-talba[8].

Fir-rigward tal-istqarrija tal-konvenuta (magħmula fl-*email* tas-7 ta' Novembru 2019) li l-attur issuġġerixxa – waqt laqgħa bejn diversi persuni – li l-konvenuta tarmi jew tħassar l-evidenza li jista' jkollha dwar l-allegat kondotta illeċita ta' Anna Vassallo konsistenti fl-użu ħażin ta' fondi pubbliċi u dikjarazzjonijiet foloz, il-Qorti tqis li l-imputazzjoni li titwassal hi li l-attur aġixxa b'mod irregolari, diżonest kif ukoll irresponsabbli. Dan qed jingħad għaliex bħala uffiċjal għoli ta' assoċjazzjoni awtonoma u mhux-governattiva li hi mogħnija, fost funzjonijiet oħrajn, bl-allokazzjoni u distribuzzjoni ta' fondi lill-federazzjonijiet sportivi reġsitrati magħha, huwa dmiru li jassigura li l-fondi allokati mill-istess MOC lill-assoċjazzjonijiet sportivi lokali, fosthom għalhekk l-MTF, jiġu applikati għall-iskop li għalihom ingħataw u jsir użu tajjeb minnhom fl-interess tal-atleti tad-dixxiplina sportiva relattiva. Kariga bħal din, naturalment, tesiġi kwalitajiet ta' serjeta` u kontabbilita` u għalhekk, kull imputazzjoni li l-attur mexa b'mod li jissuġġerixxi li huwa warrab id-doveri u responsabbilitajiet fdati lilu f'din il-kariga, timpinġi direttament fuq l-integrita' tiegħu u tiskreditah.

Hu rikonoxxut fil-ġurisprudenza in materja illi imputazzjoni li minħabba f'xi kondotta partikolari, il-persuna aggravata huwa "*dishonest or a fraud, a hypocrite,*

[8] Artikolu 3(4) tal-Kap. 579.

*dishonourable, immoral, or actuated by some improper motive, insolvent or unwilling to pay debts or incompetent or otherwise unfit for some role.*"[9], huma kkunsidrati bhala diffamatorji.

Ikkunsidrat;

Kif ingħad, l-istqarrija li qed tiġi impunjata mill-attur hija l-istqarrija li saret mill-konvenuta fl-email li bagħtet fis-7 ta' Awwissu 2020 fejn allegat li l-attur issuġġerixxa li hija tneħħi jew tiddistruġġi l-evidenza kontra Anna Vassallo. Dan is-suġġeriment, jekk verament sar, sar waqt laqgħa bejn l-MOC u tliet membri mill-Kumitat Eżekuttiv tal-MTF. Il-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva illi bosta mill-persuni preżenti għal din il-laqgħa huma l-istess persuni li lilhom intbagħat l-*email* tas-7 ta' Awwissu 2020 kontententi din l-istqarrija allegatament malafamanti. *Email* li ntbagħat ukoll lill-membri tal-Kumitat Eżekuttiv tal-MTF li kienu diġa' għamlu huma stess din l-istess allegazzjoni f'*email* mibgħuta minnhom kollettivament fit-3 ta' Ġunju 2020 (Dok. GP1) lill-President tal-MOC[10].

Il-Qorti tosserva illi anke jekk bħala fatt, il-membri tal-MOC li kienu preżenti fil-laqgħa in kwistjoni, kif ukoll Anna Vassallo nnifisha, innegaw fix-xhieda tagħhom f'din il-kawża illi l-attur issuġġerixxa li d-dokumenti probatorji li kellha fil-pussess tagħha l-konvenuta jintremew, jirriżulta li f'dik l-istess laqgħa l-attur saħaq effettivament fuq il-ħtieġa li l-membri tal-Kumitat tal-MTF jikkooperaw bejniethom u juru rispett lejn il-President tagħhom, Anna Vassallo. Inoltre, ma jidhirx li waqt dik l-istess laqgħa, il-membri tal-MOC qiesu ulterjorment l-evidenza li kellha f'idejha l-konvenuta b'rabta mal-allegat abbuż fl-affarijiet finanzjarji tal-MTF.

Mill-ġabra tax-xhieda l-Qorti fehmet li l-konvenuta ħassitha ferm aggravata bir-rejazzjoni, jew nuqqas ta' rejazzjoni li rċeviet mingħand l-MOC wara r-

---

[9] Collins on Defamation (2014 Ed.), 6.10 p. 117.

[10] *""In view of the clear bias in favour of Anna Vassallo, and the attested request that all proof against same be deleted, we are requesting that Mr. William Beck, deputy president, is removed from all future correspondence and meetings with the below...*" – fol. 4.

rivelazzjonijiet tagħha dwar misapproprjazzjoni ta' fondi fi ħdan l-MTF kif ukoll bil-fatt illi in segwitu għal din il-laqgħa, il-Kumitat Eżekuttiv tal-MTF ġie sospiż u nħatar minfloku *interim board*. Il-Qorti fehmet ukoll li kien proprju dan l-isfond ta' fatti li wassal lill-konvenuta – meta eventwalment, diversi xhur wara, ġiet mitluba mill-attur biex tissottometti l-evidenza li kellha b'rabta mal-allegat misapproprjazzjoni ta' fondi mill-President u Teżorier tal-MTF – terġa' tirreferi għall-parir li kien taha biex tħassar il-kompendju ta' dokumenti u evidenza li kienet ġabret fil-konfront ta' Anna Vassallo.

Huwa evidenti li l-konvenuta għamlet l-istqarrijiet impunjati biex tippuntwalizza kif ħadd mill-ogħla awtorita' li magħha hija affiljata l-MTF, li tapprova l-allokazzjoni tal-fondi lill-istess Federazzjoni u kwindi, li għandha interess dirett fl-affarijiet finanzjarji tal-istess Federazzjoni, ma ta kas it-talba tagħha biex jiġi eżaminat il-kompendju ta' provi li kellha f'idejha dwar l-allegat użu ħażin minn uffiċjali għolja fl-istess Federazzjoni tal-fondi allokati lill-Federazzjoni, u biex dawn l-allegazzjonijiet jiġu investigati.

Għalhekk, meta feġġet l-okkażjoni u l-attur talabha tipproduċi sewwasew id-dokumentazzjoni li kellha fil-pussess tagħha dwar l-istess allegazzjonijiet li kienet diġa' qajmet fil-laqgħa tas-7 ta' Novembru 2019, biex din tiġi eżaminata mill-awdituri tal-MOC, il-konvenuta ħadet l-ispunt biex *inter alia* tfakkar kif l-kien l-istess attur waqt il-laqgħa tas-7 ta' Novembru 2019 li kien irrakkomanda li hija tħassar il-kompendju ta' dokumenti li kienet ġabret in konnessjoni mal-allegat abbuż fl-użu tal-fondi allokati lill-MTF.

Ikkunsidrat;

Illi fit-trattazzjoni l-abbli avukat tal-attur issottometta li l-fatt innifsu li l-konvenuta għamlet allegazzjoni f'*email* mibgħuta lil terzi persuni, li l-attur kien qalilha biex tiddistruġġi evidenza, huwa fih innifsu malafamanti għaliex iwassal imputazzjoni ta' diżonesta'. Iżda l-Qorti ma taqbilx, għaliex kif sewwa ġie sottomess mill-abbli avukat tal-konvenuta waqt it-trattazzjoni, wieħed irid jistħarreġ iċ-ċirkostanzi li fihom saret l-

istqarrija impunjata u jekk din saritx f'okkażjoni li fejn il-konvenuta għamlet dik l-istqarrija biex tiddefendi l-pożizzjoni tagħha meta wieġbet għat-talba tal-attur: dan l-istess argoment hu rifless fir-raba' eċċezzjoni fir-Risposta tal-konvenuta[11].

Fil-fatt, huwa rikonoxxut fil-ġurisprudenza in materja li jeżistu okkażjonijiet u ċirkostanzi varji fejn komunikazzjonijiet bejn persuni jew gruppi ta' persuni li jikkondividu interess leġittimu fil-materja tal-komunikazzjoni, huma protetti bi privileġġ naxxenti proprju mill-okkażjoni li fihom ikunu saru u dan bħala kwistjoni ta' interess pubbliku.

Skont Gatley[12], jissussisti privileġġ taħt il-liġi tal-malafama, f'dawk l-okkażjonijiet fejn il-persuna li tippubblika l-istqarrija impunjata tkun qiegħda taġixxi, *inter alia*, in bażi ta' dmir jew interess li għandha fil-materja u fejn min jirċievi l-istqarrija għandu interess jew dritt korrispondenti li jirċievi dan il-materjal, jew fejn il-pubblikatur jaġixxi f'materja li fir-rigward tagħha għandu interess komuni mar-reċipjent.

Skont Collins, dawn l-okkażjonijiet jinkludu "*... communications between and among the board and members of clubs or associations in respect of the affairs of the club or association*".[13]

Fid-deċiżjoni ċelebri in materja li tiġi ċitata konsistentement b'approvazzjoni[14], ġie ritenut illi stqarrija li hija falza u inġurjuża lir-reputazzjoni ta' persuna hija azzjonabbli ħlief jekk issir f'okkażjoni privileġġata, ċioe' "*... unless it is fairly made by a person in the discharge of some public or private duty whether legal or moral,* ***or in the conduct of his own affairs, in matters where his interest is concerned. ... If fairly warranted by any reasonable occasion or exigency, and honestly made, such communications are protected for the common convenience and welfare of society***." (emfasi tal-Qorti)

[11] Risposta tas-16 ta' Ottubru 2020.
[12] On Libel and Slander, 2013 Ed., 14.7 p. 546 *et seq*.
[13] Collins on Defamation (2014 Ed.), 1.24 p. 234 u 235.
[14] **Toogood v. Spyring** (Gatley, *ibid.* 14.7, p. 546) – Ara wkoll **Loutchansky v. Times Newspapers Ltd** (nos 2-5) (2001) EWCA.

Dan għaliex:-

"*It may be accepted as a well-established rule that some duty or interest must exist in the party to whom the communication is made as well as the party making it. The duty or interest may be common to both parties, but this is not essential, it is enough if there is a duty or interest on one side, and a duty or interest, or interest or duty (whether common or corresponding or not) on the other.*"[15]

Biex l-okkażjoni tkun waħda privileġġjata minn din il-perspettiva, id-determinazzjoni li trid tagħmel il-Qorti hija jekk iċ-ċirkostanzi kollha flimkien - fosthom min għamel il-pubblikazzjoni impunjata u min irċeviha, meta u kif - jistabbilixxu relazzjoni bejn il-partijiet li tagħti lok għal dritt jew dmir soċjali jew morali[16]. Mhux meħtieġ li l-pubblikatur tal-malafama jkun aġixxa minħabba xi obbligu legali.

Il-ħsieb wara l-għoti ta' privileġġ f'okkażjonijiet simili fejn teżisti esiġenza raġjonevoli għall-pubblikazzjoni tal-istqarrija malafamanti, ġie mfisser hekk:-

"*... it is in the public interest that persons should be allowed to speak freely on occasions when it is their duty to speak and to tell all they know or believe, or on occasions when it is necessary to speak in the protection of some (self or) common interest.*"[17]

Ukoll:-

"*In such cases* ***no matter how harsh, hasty, untrue or libellous the publication would be*** *but for the circumstances, the law declares it privileged because the amount of*

---

[15] Ċitata mid-deċiżjoni **Mallan v. Bickford** (1915), South Australia per Murray J.
[16] Gatley, 14.13 p. 554, 555, jiċċita mid-deċizjoni **James v Baird** per Earl Loreburn.
[17] **Gerhold v Baker** 1918 HL W.N. 368 CA at 369 – Gatley 14.8 p. 547.

*public inconvenience from the restriction of freedom of speech or writing would far out-balance that arising from the infliction of a private injury*."[18] (emfasi tal-Qorti)

Iktar reċentement, fid-deċiżjoni **Papaconstuntinos v Holmes a Court**[19], ġie ritenut li mhux meħtieġ għas-suċċess ta' din id-difiża li l-konvenut jipprova, b'żieda mal-prova li kellu interess identifikat li kellu jiġi protett, l-eżistenza ta' xi urġenza jew bżonn inġenti li kien jinneċessita l-pubblikazzjoni tal-istqarrija diffamatorja biex jipproteġi l-interessi tiegħu. Fil-fatt, il-każ appena indikat kien jittratta ċirkostanzi simili ħafna għal dawk tal-każ odjern, fejn il-persuna aggravata impunjat ittra mibgħuta mill-konvenut lil uffiċjal tal-Istat inkarigat bl-isport fejn l-istess konvenut ilmenta dwar il-fatt li l-attur, il-persuna aggravata, kien ikkomunika ma' membri tal-klabb tal-football biex jirrepeti informazzjoni allegatament inveritiera dwar proposta li kienet saret għal bdil fl-amministrazzjoni tal-klabb[20]. Il-High Court tal-Awstralja riteniet li l-istqarrija tal-konvenut fl-ittra impunjata saret f'okkażjoni privileġġjata għaliex il-konvenut kellu interess identifikabbli li jikkomunika dan l-ilment tiegħu dwar l-attur lil dik il-persuna li effettivament irċeviet din l-istqarrija u ma kienx meħtieġ li jiġi ppruvat l-eżistenza ta' element ta' bżonn wisq inqas urġenza fil-pubblikazzjoni tal-istqarrija malafamanti.

Stabbilit dan kollu, huwa rikonoxxut ukoll illi jekk jintwera li l-konvenut ikun aġixxa malizzjożament fil-pubblikazzjoni tal-malafama, ċioe' jekk juża l-okkażjoni għal skop li m'huwiex strettament dak li huwa protett mil-liġi, ma jkunx jista' jistrieħ fuq dan il-privileġġ.

---

[18] **Hunter v Ward** (1859) 6 C.B (N.S.) 514 at 517. Intqal ukoll: "*It is better for the general good that individuals should occasionally suffer than that freedom of communication between persons in certain relations should be in any way impeded. But the freedom of communication which it is desirous to protect is honest and kindly freedom. It is not expedient that liberty should be made the cloak of maliciousness*" – Lord Coleridge C.J. f'**Bowen v. Hall** (1881).

[19] HCA 53 (2012).

[20] F'din l-ittra l-konvenut appellat kien qal:- "*I am, frankly, at a loss to understand why Mr Papa has worked so hard to spread misinformation about the proposal*" u għadda biex elenka sejre ta' fatti li kienu jikkonċernaw l-attur appellant u ibnu, fejn l-inferenza kienet li dawn il-fatti kienu jikkostitwixxu r-raġuni għala l-appellant kien aġixxa kontra l-proposta. Il-Qorti sabet illi "*the publication of the defamatory statements as to Mr Holmes à Court's concerns about misuse of funds was fairly warranted by any reasonable occasion or exigency*."

Fil-każ li għandha quddiemha llum, il-Qorti m'hijiex konvinta li bl-istqarrija impunjata, il-konvenuta eċċediet il-limiti tal-interess u d-dover li kellha li tesiġi illi jiġi investigat l-allegat kondotta ħażina tal-President tal-MTF fl-użu tal-fondi pubbliċi allokat lill-istess Federazzjoni u mill-provi, ma jirriżultax li l-istqarrijiet impunjati kienu motivati minn malizzja jew li saru minħabba mottiv ulterjuri mhux relatat mat-tħassib evidenti tal-konvenuta dwar l-abbuż fl-infiq tal-fondi tal-MTF.

Huwa evidenti li l-konvenuta kienet konvinta mhux biss li kien qed kien hemm tentattiv koordinat biex tiġi protetta Anna Vassallo, iżda wkoll li kien hemm pressjoni biex kull allegazzjoni ta' abbuż fit-tmexxija tal-affarijiet finanzjarji tal-MTF, tiġi osfukata. Dan ifisser li l-interess tal-konvenuta li tagħmel l-istqarrijiet impunjati mill-attur huwa faċilment identifikat fil-materja li dwarha l-istess attur, fl-email tas-7 ta' Awwissu 2020, ikkomunika magħha u mal-membri l-oħra tal-Kumitat tal-MTF li kienu għamlu l-allegazzjonijiet dwar l-użu ħażin tal-fond tal-MTF, fejn huwa talabhom jissottmettu lill-awdituri kkupjati fl-istess *email*, l-evidenza li l-konvenuta kienet qaltlu li kellha dwar l-użu ħażin tal-fondi tal-MTF. Fil-fatt, l-attur kiteb hekk lill-konvenuta u lill-membri l-oħra tal-Kumitat tal-MTF:-

"*We refer to your comments over these last months, alleging misuse of MTF funds. Once again, we invite you to submit your claims with evidence but this time directly to the auditors (in copy) who have been tasked by WT to carry out the audit for the MTF financial year 2019. ...*"

Wara li semgħet lill-konvenuta tixhed, il-Qorti fehmet li l-konvenuta kienet ġenwinament interessata fl-amministrazzjoni tajba u retta tal-Federazzjoni u jirriżulta li ħadmet ħafna biex tagħti kontribut lill-Federazzjoni. Kienet preokkupata bil-fatt li ma kienetx qed tkun mgħarrfa mill-President tal-istess Federazzjoni dwar materji importanti marbutin mal-amministrazzjoni tal-fondi allokati lill-Federazzjoni u bil-fatt li ma kienetx ingħatat rendikont tal-affarijiet finanzjarji. Il-Qorti fehmet illi l-konvenuta kellha aspettattivi għoljin għall-laqgħa li kienet imsejħa għas-7 ta' Novembru 2019, anke għaliex kellha rispett kbir għall-attur. Iżda jirriżulta wkoll li

dawn l-aspettattivi tal-konvenuta ġew imxejna bir-rejazzjoni li hija riskontrat waqt din il-laqgħa wara li lissnet l-allegazzjonijiet tagħha dwar l-abbuż fl-użu tal-fondi: minħabba f'din ir-rejazzjoni, hija ħasset, tajjeb jew ħażin, li l-membri tal-MOC kienu qed jaġevolaw lil Anna Vassallo a skapitu tagħha.

Il-Qorti tosserva wkoll li ma jirriżultax illi l-istqarrija impunjata ġiet komunikata lil persuni li ma kellhomx interess li jirċevuha. Kif rajna, u minn dak li setgħet tistabbilixxi l-Qorti (għaliex l-attur baqa' ma ressaqx provi biex juri min kienu r-reċipjenti l-oħra tal-istqarrija li saret fl-*email* tas-7 ta' Awwissu 2020), din l-istqarrija ġiet komunikata lill-istess membri tal-MOC li kienu preżenti fil-laqgħa tas-7 ta' Novembru 2019 u lill-membri tal-Kumitat Eżekuttiv tal-MTF li diġa' kienu jafu bis-suġġeriment li allegatament għamel l-attur waqt l-imsemmija laqgħa u li lilhom kienet indirizzata t-talba tal-attur li għaliha l-konvenuta wieġbet bl-istqarrija impunjata. Dawn l-allegazzjonijiet tal-konvenuta jidher li ġew ippubblikati wkoll lil xi membri tal-World Taekwondo li, kif spjegat il-konvenuta fix-xhieda tagħha, hija r-regolatur internazzjonali ta' dan l-isport. Il-Qorti tqis li kien jinkombi fuq l-attur biex ifisser min kienu r-reċipjenti l-oħra tal-istqarrijiet impunjati, biex juri li dawn il-persuni l-oħra ma kellhomx interess li jirċievuhom u jew li ma kellhomx relazzjoni mal-materja taħt skrutinju.

Għaldaqstant, hija l-fehma konvinta tal-Qorti illi l-istqarrija tal-konvenuta ma saritx barra minn lokha jew f'ċikostanzi mhux relevanti: għall-kuntrarju l-istqarrija saret biex tindirizza sewwasew il-materja li kienet l-oġġett tal-korrispondenza mibgħuta mill-attur fejn huwa fakkar lill-konvenuta u lir-reċipjenti l-oħra tal-*email* tiegħu, fl-allegazzjonijiet li kienu għamlu b'rabta tal-uzu ħazin tal-fondi tal-MTF.

Għall-Qorti l-okkazjoni għall-konvenuta li tagħmel l-istqarrijiet impunjati[21] dwar il-kondotta tal-attur b'rabta mal-evidenza li offriet tipproduċi fil-laqgħa tas-7 ta' Novembru 2019, kienet indubbjament waħda privileġġjata kif imfisser fil-

[21] Fl-*email* tas-7 ta' Awwissu 2020.

ġurisprudenza paċifika in materja ta' azzjonijiet għal malafama, għaliex hija kienet mhux biss qed taġixxi biex tipproteġi l-interessi leġittimi tal-MTF (nonche' l-interess personali tagħha fil-materja), iżda kienet qed twassal ukoll l-allegazzjoni impunjata lil persuni li kellhom interess li jafu bil-kondotta tal-attur fir-rigward tal-istess materja li dwarha kien qed jitlob informazzjoni mingħand il-konvenuta, ċioe', l-materja dwar l-evidenza tal-użu ħazin tal-fondi tal-MTF da parti tal-President tal-MTF. Kif rajna, huwa immaterjali l-fatt li din l-allegazzjoni hija miċħuda mill-attur.

Ftit jista' jkun hemm dubju li persuna ordinarja u raġjonevoli fil-pozizzjoni tal-konvenuta kienet tqis li huwa doveruż fuqha jew li għandha interess, fiċ-ċirkostanzi fejn l-attur talab is-sottomissjoni tal-evidenza li kellha dwar l-allegat uzu ħazin tal-fondi tal-MTF li kienet għamlet referenza għaliha fil-laqgħa tas-7 ta' Novembru 2019, li tfakkar lill-attur u tinforma l-persuni wkoll ikkuppjati b'dak l-*email* u l-persuni li kienu prezenti f'dik l-istess laqgħa, fis-suġġeriment tiegħu stess magħmul waqt l-istess laqgħa biex hija tħassar tabilħaqq dik l-evidenza li issa riedha tissottometti.

Għaldaqstant l-istqarrijiet impunjati ma jistgħux jitqiesu bħala diffamatorji fil-konfront tal-attur għaliex saru f'okkazjoni privileġġjata.

In konklużjoni, il-Qorti trid tissenjala illi għalkemm huwa minnu li din id-difiża m'hijiex komtemplata espressament mil-liġi fl-Att dwar il-Mdija u l-Malafama (Kap. 579), l-Artikolu 4(6) tal-Att jirrikonoxxi kwalunkwe difiża oħra li twassal għaċ-ċaħda tal-azzjoni għal malafama. Dan jipprovdi:-

*Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu, fi kwalunkwe azzjoni ta' malafama taħt dan l-Att, il-konvenut għandu d-dritt li jissottometti bħala difiża kull raġuni għall-mitigazzjoni ta' danni kif ukoll kwalunkwe talba li, jekk tiġi aċċettata, twassal għaċ-ċaħda tal-azzjoni u l-konvenut jista' jissottometti talbiet li l-pubblikazzjoni mhijiex malafamanti u li l-fatti msemmija huma veri u, jew li kwalunkwe opinjoni espressa hija opinjoni onesta. Is-sottomissjoni ta' talba bħal din ma teskludix oħra awtomatikament.*

**Għal dawn il-motivi, qiegħda taqta' u tiddeċiedi li filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha fir-Risposta tal-konvenuta biss safejn huma kompatibbli ma' dak hawn deċiż, qiegħda tiċħad it-talba tal-attur William Beck, bl-ispejjeż jitħallsu mill-istess attur.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**